# IL-POZIZZJONI TAL-GWU VIS-A-VIS L-**ISKEMI TA' L-IMPJIEGI** IMNEDDIJA MILL-KORPORAZZJONI GHAX-XOGHOL U T-TAHRIG (ETC)

**Awissu 2007**

Fil-prezent l-iskemi governattivi imneddija mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig (ETC) qed jizdied, ghaliex hemm htiega li skemi bhal dawn ghandhom ikunu fis-suq tax-xoghol. Barra minn hekk, ir-rata tal-qaghad f'pajjizna qeghda dejjem toghla b'mod li fost dawk milquta hemm bosta zghazagh li qed ihallu l-bank ta' l-iskola izda ma jsibux impjieg dicenti jekk mhux wara li jghaddi hafna zmien.

Il-GWU certament li mhix kontra skemi bhal dawn li jekk xejn joffru esperjenza ta' xoghol lil dawk li japplikaw ghalihom. Izda l-GWU qed issib li anki f'dawn l-iskemi hemm *Managers* li jabbuzaw b'mod li jhaddmu lil nghiduahna dawn iz-zghazagh fl-istess xoghol li jaghmlu haddiema ohra f'sezzjonijiet ohra ta' l-istess azjenda, izda lir-rata tal-paga tal-haddiema tal-post tkun kompletament differenti cioe` oghla. Dan kollu jsir ghad-detriment ta' dawk il-haddiema fragli li jkunu jaqghu taht forma jew ohra ta' din l-iskemi. Din hija realta` li qed isehh anki jekk tmur kontra ukoll dak stipulat fil-Ligi cioe` paga ugwali ghal xoghol ta' valur ugwali.

Bosta drabi partijiet mill-iskemi mneddija mill-ETC ikunu jistupulaw li l-haddiema taht l-iskema partikolari ghandhom jinghataw tghallim bhala parti mill-gimgha tax-xoghol taghhom. Izda fil-verita` jkun hemm okkazzjonijiet fejn jew dan it-tghallim ma' jinghatax il-priorita` li jixraqlu jew ma jkunx immanigjat kif suppost.

Barra minn hekk, hija realta` ukoll li bosta zghazagh li jimbarakaw fuq dawn l-iskema jibdew jithadmu hafna sieghat twal anki jekk dan ma jkunx fil-linji ta' l-Att dwar ir-Regolament dwar il-Protezzjoni taz-Zghazagh fuq il-Post tax-Xoghol.

Dwar l-iskemi imneddija mill-ETC, il-GWU tishaqq li:-

- Dawn l-iskemi ma ghandhomx jintuzaw b'mod abbuziv minn min ihaddem b'mod li jimbarka fuq dawn l-iskemi biex jaqla' l-flus. Jigifieri, il-partecipanti ta' l-iskema ghandhom jaghmlu xoghol skond ir-remunerazzjoni li jircievu u mhux jigu imgeghla jassumu aktar responsabbilita`.
- F'dawk il-kumpaniji fejn il-GWU hija rikonoxxuta, l-principal ghandu jinforma lill-GWU li ser jaghmel uzu minn dawn l-iskemi u informazzjoni relatata ohra.
- Dawn l-iskemi u thaddim taghhom ma ghandhomx b'xi mod iwasslu biex il-parametri tar-relazzjonijiet industrijali, li hafna drabi huma stipulati fil-Ftehim Kollettiv / Kuntratt, jigu imminati ghad-detriment tal-haddiema l-ohra.
- Jekk parti mill-iskema tikkonsisti f'tghallim, dan ghandu jinghata bis-serjeta` u kif stipulat fil-kriterji ta' l-iskema;

- Minn japplika għall-iskema għandu jingħata post fejn jaħdem mingħajr perikli marbuta mas-saħħa u s-sigurta`.

Il-GWU tisħaqq li dawn l-iskemi għandhom jespandu u jiġi imsaħħa. Ma dan kollu, il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan ir-rapport iridu jiġu mħarsa għaliex faċilment li dawn l-iskemi iwasslu għas-sistema perikoluża ta' *cheap labour*.

---